# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Struttorja

# Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D.

Illum, 3 ta' Ottubru 2017

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Carlos Cordina u Spiridione Zammit)**

**vs**

**Anthony Borg**
**Omissis**[1]

**Kump. Nru: 378/2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** u **Anthony Borg** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 469377 (M) billi huma akkuzati talli:

[1] Kawza fil-konfront tal-imputat Kevin Borg kienet deciza fit-22 ta' Settembru 2017

1. Fil-05 ta' Settembru 2017 ghall-habta ta' l-11:40 ta' filghodu gewwa Triq San Tumas Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommettew serq ta' gizirana ta lewn isfar minn fuq il-persuna ta' Marie Louise Busuttil liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix il-2329.4 Euro (LM1000), u bil-vjolenza.

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarrestaw lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil-istess Marie Louise Busuttil kontra l-volonta' taghha, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, lok ,hin u cirkostanzi,lqaw ghandom,jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq,jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuwom jew imexxuhom.

Nakkuzaw lil Anthony Borg wahdu:

1. Talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' xahar prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija min Magistrat Dr.A.J.Vella LLD, liema sentenza giet konfermata mil- Onorabbli Qorti ta' Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017.

2. U aktar talli fl-istess cirkustanzi ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta' sena prigunerija fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija min Magistrat Dr.A.J.Vella LLD, liema sentenza giet konfermata mil- Onorabbli Qorti ta' Appell nhar is-27 ta' Frar, 2017.

Nakkuzaw lil Omissis wahdu:

1. Talli fl-istess data lok hin u cirkostanzi, u wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni b'diversi sentenzi, kien fil-pussess ta' ghodod tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi (lieva u/jew ghodda ohra) minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

2. U aktar talli akkuzat li hassar jew sfigura certifikat ta registrazzjoni ta vettura jew licenzja ta vettura bil-mutur jew biddel, hassar dettalji li jkunu mdahhla fihom.

3. Ukoll tall fl-istess cirkustanzi akkuzat li bi hsieb qarraq, iffalsifika, biddel, uza, ipproduca, ipprovda jew baghat dokumenti, ghamel stqarrija li jaf li kienet falza jew hassar jew sfigura certifikat ta' registrazzjoni .

4. Kif ukoll akkuzat talli bil- kitba, tpingija jew b'mod iehor, biddel hassar sfigura jew zied xi haga f'licenzja ta xi vettura bil-mutur, jew qieghed fuq vettura diska ta licenzja li tkun giet mibdula, tkun thassret, tkun giet sfigurata jew li jkun giet mizjuda xi haga fiha.

5. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' Marie Louise Busuttil kif ukoll ghal familjari taghhom.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi tordna il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BCD 757 .
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Rat li waqt l-udjenzi mizmuma nhar it-22 ta' Settembru 2017 u 3 ta' Ottubru 2017, wara li l-Qorti semghet xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni, l-Qorti semghet t-trattazzjoni dwar jekk, in bazi ghall-provi migbura sa dak in-nhar, kienx hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza (*prima facie*).

Semghet is-sottomissjonijiet ta'l-ufficjali prosekutur min-naha u ta' Dr Martin Fenech min-naha l-ohra.

Rat l-atti processwali.

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz li sehh nhar il-5 ta' Ottubru 2017 fi Triq San Tumas il-Fgura fil-11.40 am fejn Marie Louise Busuttil giet misruqa waqt li kienet ghaddejja fit-triq. Dwar dan il-kaz kien mixli ukoll Kevin Borg hu l-imputat li ammetta l-akkuzi migjuba kontrih u kien ikkundannat sittax (16)-il xahar prigunerija

effettiva. L-imputat Anthony Borg baqa' jsostni l-innocenza tieghu u baqa' jikkontesta l-akkuzi.

Illi permezz ta' dan id-degriet irid jigi deciz jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jipogga taht att ta' akkuza, cioe l-ezercizju impost fuq il-Qorti Struttorja ai termini ta'l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

> *Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċidi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.*

Illi ghandu jigi rilevat ab inizio li din id-dispozizzjoni ma tirreferiex ghal *provi bizzejjed* izda *ragunijiet bizzejjed*, u dawn iridu jkun ragunijiet bizzejjed *biex l-imputat jitpogga taht att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali*. Ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti, Qorti Struttorja, m'ghandhiex il-kompitu li tiddeciedi a bazi tal-provi prodotti u l-evalwazzjoni approfondita taghhom, jekk l-imputat huwiex hati jew le ta' l-imputazzjoni lilu addebietata. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza **Carmel u Helen konjugi Galea vs Il-Kummissarju tal-Pulizja**[2] il-Qorti Kriminali qalet li l-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz[3]

---

[2] Deciza fid-19 ta' Awissu 2004.

ma kellhiex il-kompitu li tiddeciedi, b'applikazzjoni tal-principji u regoli enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, x'temmen jew lil min temmen. Imma li l-kompitu tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz kien semplicement li tara jekk kienx hemm kaz *prima facie*. Il-Qorti Kriminali kompliet biex tghid li dan il-grad *prima facie* huwa *l-istess grad ta' prova, li l-Qorti Istruttorja hija mistennija li ssib biex tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza*.

Illi dan il-principju, u cioe li l-grad ta' prova rikjest f'l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja ma' l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa wiehed *prima facie*, huwa assodat fis-sistema gudizzjarja taghna u m'ghandux ikun hemm dubbji fir-rigward. Il-Qorti Kostituzzjonali ukoll kellha opportunita li taghmel ezami approfondit ta' dak li jirrikjedi dan l-artikolu 401(2). Fil-kawza **Mark Charles Kenneth Stephens vs l-Avukat Generali**[4] dik il-Qorti qalet hekk:

> *F'gheluq il-kumpilazzjoni – u ghalhekk meta issa kienu nstemghu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ... – dik il-Qorti waslet fl-istadju li tiddeciedi jekk hemmx jew le "ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza" (Art. 401(2), Kap. 9). ... .... ... ... il-Qorti Istruttorja m'ghandhiex tuzurpa l-funzjoni ta' Qrati ohra ta' Gustizzja Kriminali. Dak li huwa kien qed jitlob li l-Qorti Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien*

---

[3] Dak kien kaz ta' *challenge* ai termini ta'l-artikoli 541(3) tal-Kaptitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[4] Deciza f'l-14 ta' Frar 2006.

*jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*

*Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw[5]*** *imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx*

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti.

> *hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, ... ...*

Illi ghalhekk l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja wara l-eghluq tal- kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi ta' provi prodotti sa dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi addebitat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghal principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno ta'l-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in Istruttorja tiddeciedi fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) kien jekk kienx hemm il-presupposti fattwali li a bazi taghhom jista' jinghad li hemm "ragunijiet bizzejjed" biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza.*

> *Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li*

*hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.* ***Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw***[6] *imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, … …*

Illi ghalhekk l-ezercizju li trid taghmel il-Qorti Struttorja wara l-eghluq tal-kumpilazzjoni huwa li tiddeciedi jekk a bazi ta' provi prodotti sa dak l-istadju, jirrizultawx, *prima facie,* l-elementi kollha tar-reati li bihom qed jigi addebitat l-imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie,* dak l-imputat jinstab hati ta' dawk ir-

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti.

reati. Aktar minn hekk, u kuntrarjament ghal principju li (f'evalwazzjoni tal-provi biex tigi stabbilita l-htija o meno ta'l-imputat fid-decizjoni finali li tiehu Qorti ta' Gudikatura Kriminali) *in pro reo*, f'dan l-istadju l-Qorti Struttorja, rinfaccjata b'dubbju hekk l-imputat jistax jinstab hati tar-reat lilu addebitat, dan id-dubbju ghandu jimmilita favur it-tqeghied taht att ta' akkuza u mhux favur il-liberatorja ta' l-imputat.

Illi dwar x'inhi "prova *prima facie*" kellha opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti Kriminali fis-sentenza mghotija fil-kawza **Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulzija**[7]. Hemm, dik il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li prova *prima facie* tikkomporta oneru anqas minn dak tal-probabbli pero aktar minn dak tal-possibbli, oneru li jista' jigi deskritt bhala *a case to answer*. Il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> *Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."*

[7] Deciza 23 ta' Settembru 2010. Din ukoll kienet sentenza fuq procedura ta' *challenge* ai termini ta' l-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiha il-Qorti Kriminali ezaminat dak rikjest mill-Qorti Struttorja f'l-istadju deskritt f'l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 u applikatu b'analogija ghall-procedura tac-*challenge*.

*Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.*

*Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.*

*Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.*

*Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan, Qorti Kanadiza, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".*

*Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".*

*Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, dak li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti (Qorti Struttorja), f'dan l-istadju huwa jekk, fil-konfront tal-imputat, a bazi tal-provi prodotti, jirrizultawx, *prima facie*, l-elementi kollha tar-reati li bih qed jigu addebietat l-istess imputat, u jekk a bazi ta' dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Fi kliem iehor jekk fil-konfront ta' l-imputati jezistux l-elementi kollha tar-reati in ezami u jekk hemmx *a case to answer*.

Illi r-reati li bih qed jigi addebietat l-imputat huwa serq kkwalifikat (Art. 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 279, 280 (2)), sekwestru tal-persuna (Art. 86 u 87) u ricettazzjoni (Art.334) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Serq</u>**

Il-Qorti fliet x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reat moghti lill-imputat *prima facie* jirrizultawx jew le.

Dwar is-serq aggravat jinghad li jekk wiehed janalizza l-Kodici Kriminali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista' *prima facie* tidher facli, madankollu r-reat ta' serq dejjem ta lok ghal kwistjonijiet frekwenti u dibattuti hajjin fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-*Programma Speciale vol IV* para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-

Il-Carrara jghid:

> "*il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro.*"

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l- elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. il-contrectatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,

3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr il-kunsens tas-sid, u
5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza **Il-Pulizija v S. Pisani** - deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi

r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-*buona fede* tal-awtur tal-*contrectatio* teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

Carrara jghid:

> "*avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso.*"

**<u>Is-sekwestru</u>**

L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna: "… kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-Awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata ...".

Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law (1953edit – Para. II, Pg 40)] meta jittrattaw l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :

***"the words "arrest", "detention" and "confident" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato proveduto nell' articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcune si formi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suq malgrade in quell luogo ove si trova; si quando Finalment si trasporti da un luogo ad un altro" (Roberti – ibid. para. 323) ... Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested".***

**<u>Ricettazzjoni</u>**

Dwar ir-reat ta' riċettazzjoni, l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min f'Malta, "*xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom*". Ix-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża ġenerika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-

ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[8]

Illi stabbilit dan, il-Qorti issa trid tghaddi biex tara jekk, a bazi tal-provi prodotti dawk l-istess provi jistax, *prima facie*, dak l-imputat jinstab hati ta' dak ir-reat. Dan kollu, kif diga ntqal, irid jirrizulta fi grad anqas mill-probabli imma oghla mill-possibbli. Fi kliem iehor jekk il-Qorti jidhrilha li, fil-konfront ta' l-imputat, il-provi jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, li hemm *a case to answer,* allura ghandu jinghad li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitpogga taht att ta' akkuza.

**Fis-sottomissjonijiet dwar il-*prima facie* l-abbli prosekuturi argumentaw dwar il-komplicita' tal-imputat u l-provi cirkustanzjali.**

**Komplici**

L-artikolu 45 jipprovdi testwalment hekk:

> **"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din**

8 Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.

**tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss –**

**(a) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**
**(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

Mela permezz ta' l-imsemmi artikolu, kull att maghmul mill-awtur ta' delitt jew mill-komplici u li jrendi aktar gravi d-delitt, huwa imputabbli lill-persuni elenkati fl-imsemmi artikolu.

**<u>Provi ċirkostanzjali</u>**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

> *"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-*

*imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et.**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienu l-imputati biss li ghamlu dak li gew akkuzati bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputati b'mod univoku bir-reati addebitati lilhom. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved and other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-**Pulizija vs. Cyrus Engerer** daħlet fil-fond dwar il-prova ċirkostanzjali u l-konklużjoni univoka, fejn ikwotat il-ġurista Ingliż Pollock C.B: *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of".*

Il-Qorti ziedet tghid li *"biex wieħed jasal li jikkonkludi li l-provi ċirkostanzjali huma univoċi wieħed irid jara l-assjem ta' dawn iċ-ċirkostanzi miġjuba bħala prova u li dan il-konvinċiment morali huwa wieħed ibbażat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni taċ-ċertezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni. In oltre il-konklużjoni biex tkun univoka mhux neċessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlaħaq iżda trid tkun l-unika waħda li tista twassal għal ħtija b'mod raġonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem ieħor jekk jinħoloq dubju dwar l-univoċita' tal-provi ċirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx*

*wieħed raġonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bażi tan-nuqqas ta' univoċita ."*[9]

**Ikkunsidrat:**

Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jistghu jkunu diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li provi indizzjarji wahedhom ukoll jistghu jkunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi diretti. Izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci[10].

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji rriaffermat diversi drabi l-principju li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[11].

Illi f'dan ir-rigward pero' huwa importanti wkoll dak li precizat l-istess Qorti tal-Appell li qalet *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that*

[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Onor. Imhallef Michael Mallia) Il-**Pulizija (James Grech) v. Cyrus Engerer** deċiża 08 ta' Mejju 2014.
[10] **Pulizija vs Emanuel Seisun** Appell Kriminali deciz 09.08.1998.
[11] **R vs Taylor** 21 CRIM App R 21

*there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference*[12].

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit ukoll li biex provi indizzjarji iwasslu ghar-reat iridu jkunu univoci, cioe` mhux ambigwi; iridu jkunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat u lil hadd aktar mar-reat[13].

**Ikkunsidrat:**

Il-provi f'dan il-kaz gew debitament registrati u traskritti u għalhekk din il-Qorti mhix sejra toqgħod tirriproduci dak kollu li ngabar fl-atti.

Illi f'dan l-istadju huwa opportun li jigi stabbilit l-involviment u r-rwol li kellu jekk kellu fis-serqa l-imputat.

L-imputat Anthony Borg twassal fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla minn huh Kevin Borg. Minn hemm hargu u ftit wara kienu l-Fgura. Jirrizulta li waqt li Anthony Borg kif fil-vettura bhala passiggier, Kevin Borg waqqaf il-vettura, mexa ftit 'l boghod, waqqaf lil Marie Louise Busuttil u serqilha l-gizirana. Huwa mar lura fil-vettura u telaq minn fuq il-post. Il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li torbot lil Anthony Borg mas-serqa hlief li dan kien fil-vettura, li kien liebes flok li ttiehed mid-dar ta' ommu u li kien liebes fic-Centru tas-

[12] **Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader** deciza 09/06/1998 b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952]AC 480, 489
[13] **Pulizija vs Jason Lee Borg et.** Appell Kriminali deciz 15.06.1998

Sahha u fil-vettura u li waqt l-istqarrija ma zvelax li kien il-Fgura u ma ta l-ebda taghrif dwar l-involviment ta' huh fis-serqa. Il-Qorti staqsiet lix-xhieda prodotti jekk il-persuna misruqa kinetx segwita aktar qabel mill-vettura li fiha kien l-imputat li wiegbu fin-negattiv, gew mistoqsija jekk l-imputat stenniex lil huh u saqu lil hinn mix-xena tar-reat, wiegbu li le. Wiegbu biss li xlewh ghaliex kien fl-istess vettura li kien qieghed isuq u li dan baqa' fil-vettura ghax kellu dizabilita' u ma setax johrog u jidhol b'heffa fil-vettura. Xehed huh Kevin Borg li qal li hu ma wera b'xejn lil huh x'kien se jaghmel u li ghamel dak li ghamel minhabba li kien vittma tal-uzura u li ma kien hemm l-ebda pjan biex iwettaq dak li ghamel, kien kaz spontanju bla hsieb minn qabel.

**Ikkunsidrat:**

Illi tenut kont ta'dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet il-Qorti ma jidhirx li a bazi tal-provi prodotti, tirrizulta, *prima facie*, l-imputat jista' jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi:

- li m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat Anthony Borg jitqieghed taht att ta' akkuza u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

B'applikazzjoni ta'l-artikolu 401(3) tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien mghoti mill-Ligi flimkien ma'l-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mad-delitt.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**